MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 479/2011

**Marianne Spiteri**
**ID-186631(M)**

**vs**

**Carmelo Farrugia**
**ID-18457 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,143.02c), liema ammont huwa dejn likwidu, cert u dovut lilha bhala s-successur ta' huha, id-defunt Carmelo Spiteri li miet nhar it-tnax ta' Mejju, 1983 u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez tal-prezenti u tlieta u ghoxrin Ewro (€23) tal-ittra legali datata 23 ta' April, 2011, u tat-taxxa fuq id-

drittijiet professjonali, u bl-imghax kummercjali, kontra l-intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn mija u tlieta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,143.02c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------